HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" – Imdawwar bil-Gonna minn kullimkien

IL-ĦDAX IL-SENA Nru 58 | ĦAL BALZAN | JANNAR/MARZU 1982

EDITORJAL

IX-XJUHIJA

Ix-xjuħija. Suġġett topiku ħafna f'din is-sena dedikata lix-xjuħ. Topiku mhux biss għax-xjuħ iżda anke għaż-żgħażagħ. Għax huma wkoll, jekk Alla jrid, ħa jkunu xjuħ xi darba. Mhux il-Bibbja stess tgħidilna (f'wieħed mis-Salmi jekk m'aħniex sejrin żball) li s-snin naturali ta' ħajja umana jammontaw għal tliet għexieren u għaxra?

"Kliem ix-xiħ żomm fih," igħid il-Malti. "If you wish good advice consult an old man," igħid l-Ingliż. U l-Bibbja tgħidilna, "Ix-xiħ ikollu l-għerf" (Ġob, 12. 12). Iżda m'għandniex xi ngħidu, dan ma jfissirx li x-xjuħija u l-għerf dejjem imorru flimkien. Kif qal il-filosfu Ruman, Publiju Siru, "Ikollu l-għerf ix-xiħ li għex, mhux dak li sempliċement eżista."

Il-kittieb Franċiż La Rochefoucauld darba qal, "Ftit huma n-nies li tassew jafu jkunu xjuħ." Min huma dawn in-nies? Saċerdoti bħall-Papa Ġwanni XXIII. Artisti bħal Michelangelo. Kittieba bħal Goethe. Dawn kollha baqgħu jagħmlu xogħol ta' siwi kbir, anke meta waslu f'età avvanzata ħafna. U mhux huma biss. Aħna lkoll nafu xjuħ li, fl-isfera umli tagħhom, jibqgħu jagħtu kontribut importanti.

M'għandniex xi ngħidu, il-ħajja tax-xiħ mhix dejjem ward u żahar. L-aktar illum meta s-soċjetà sikwit tħares lejn il-bnedmin mil-lat utilitarju biss. Għal min għandu dil-mentalità dejqa u materjalista, ix-xjuħ mhumiex nies daqs ħaddieħor. Ma jistmahomx kif għandu jistmahom.

Għalhekk f'ċerti pajjiżi ssib li l-istess kelma "xiħ" donnha saret kelma maħmuġa. F'dawn il-pajjiżi lix-xjuħ iħobbu jgħidulhom "senior citizens", iżda mhux biex juru kemm jistmawhom imma biex jaħbu kemm ma jistmawhomx. L-istess xjuħ jibdew jistħu mix-xjuħija tagħhom u jgħidulek, per eżempju, "I am seventy years young." Tarbija hi "six months old", żagħżugħ "twenty years old", iżda huma "seventy years young"! Dal-logħob bil-kliem juri biss kemm, f'pajjiżi bħal dawn ix-xjuħija m'għadhiex stmata.

Għalina l-Maltin, mela, din is-sena dedikata lix-xjuħ għandha sservi biex tfakkarna kemm, fi kliem il-Papa Ġwann Pawlu II, "ix-xjuħ huma indispensabbli għall-familja u s-soċjetà. Huma għandhom posthom fil-ħajja ċivili u ekklesjali. Inkunu aħna lkoll rikonoxxenti lejhom."



Il-banda, kleru, għaqdiet u poplu, iwasslu lill-kappillan il-ġdid Dun Tarcisio Delicata għal pussess tiegħu fil-parroċċa

JUM MEMORABBLI

Is-Sibt, 17 t'Ottubru, 1981, kien jum importanti ħafna għalina l-Balzanin, jum li ma jintesa qatt sakemm id-dinja tibqa' wieqfa. Dan il-jum tniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja tar-raħal tagħna. F'dan il-jum memorabbli r-Rev. Dun Tarcisio Delicata, imwieled B'Kara fil-25 ta' Lulju, 1939, li għal dawn l-aħħar ħdax-il sena kien kappillan ta' Marsaxlokk, ta bidu għall-Ħidma Pastorali tiegħu bħala t-tnejn u għoxrin Kappillan tal-parroċċa li twaqqfet nhar l-14 ta' Frar, 1655. Fil-5.15 p.m. ta' dan il-jum ta' ferħ għall-poplu kollu Balzani li jifforma l-familja ta' dan ir-Raħal, imfewwaħ mill-fjuri tal-ġonna tiegħu, lesta biex issellem u takkumpanja lill-Kappillan il-ġdid fi triqtu lejn il-Knisja Parrokkjali. Meta l-Kappillan il-ġdid ħareġ mid-dar parrokkjali tiegħu, fi Triq il-Kbira, flimkien ma' missieru ma' ħutu, ma qrabatu, mal-kleru tal-Parroċċa, mal-Professur Mons Vincenzo Borg D.D., H.E.D. Arch. CH.L. u Mons Carmelo Sciberras, ex-Kappillan tagħna u mdawwar mir-Rappreżentanti ta' l-għaqdiet reliġjużi u profani li jeżistu f'Ħal Balzan, fosthom ir-Rappreżentanti taż-żewġ każini li tant iħabirku għall-festa ta' barra ta' Marija Santissma Annunzjata, li huma l-Każin tal-Banda San Gabriel u dak ta' Marija Annunzjata, u minn bosta u bosta mistednin oħra, il-banda wara li sellmet lill-Kappillan bid-daqq ta' l-innu ta' l-Ave Marija bdiet tferraħ lil dawk preżenti b'marċi sbieħ u brijużi u l-korteo beda l-mixja tiegħu lejn il-maqdes ta' Ħal Balzan. Fost id-daqq tal-banda, il-ferħ ta' kull min kien fil-korteo u fost iċ-ċapċip ta' dawk li kienu fit-toroq biex isellmu u jagħtu merħba lill-Kappillan, il-korteo għadda minn Triq il-Kbira, għal Triq San Valentinu, Triq Sisner, Triq Idmejda, Misraħ Balzan, u reġa' qabad Triq il-Kbira sakemm wasal fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali minn fejn kulħadd sab postu ġewwa t-tempju majestuż tagħna, li għal din l-okkażjoni kien imżejjen kif jixraq lill-avveniment bħal dan.

Fis-6.00 p.m. id-Delegat ta' Mons Arċisqof, Mons Carmelo Xuereb Vigarju Ġenerali mexxa Konċelebrazzjoni biex jinawgura uffiċjalment il-ħidma tal-Kappillan il-ġdid. F'din il-Konċelebrazzjoni minn barra l-Vigarju Ġenerali u Dun Tarċis il-Kappillan il-ġdid ħadu sehem ukoll Mons Professur Vincenzo Borg u Dun Ġwann Zammit Hammet viċi kappillan tal-parroċċa tagħna li kienu ż-żewġ xhieda għal din iċ-ċerimonja, Mons Carmelo Sciberras, il-Kleru tal-Parroċċa u numru sabiħ ta' saċerdoti oħra Tant kienu numrużi s-saċerdoti li kkonċelebraw li l-presbiterju kien mimli għal kollox. Ta' min isemmi li fost dawn is-saċerdoti kien hemm il-Kappillan il-ġdid ta' Marsaxlokk, Dun Mario Tong. Ċerimonier għal din iċ-ċerimonja kien ir-Rev. Dun Karm Bonavia. Inqara d-digriet li bih Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca għoġbu jaħtar lil Dun Tarcisio Kappillan tal-Parroċċa tagħna. Id-digriet kien moqri mir-Rev. Prepositu Kan. Ġużepp Bonello u wara l-Kappillan il-Ġdid ħa l-ġurament ta' fedeltà għall-missjoni li ġiet fdata lilu. Imbagħad id-Delegat ta' Mons. Arċisqof ippreżenta lill-Kappillan il-Ġdid lill-poplu u ġie mogħti l-imfietaħ tal-knisja bħala sinjal tad-dmirijiet ġodda tiegħu. Inqraw il-lezzjonijiet ta' l-ewwel mis-Sur Joseph Saliba żewġt oħt il-Kappillan is-Sinjura Carmela u tat-tieni minn Madre Elena tas-sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu li wkoll hi oħt il-Kappillan. Issa l-Kappillan il-ġdid wara li ħa l-barka mid-delegat ta' Mons Arċisqof ħa f'idejh il-ktieb tal-Vanġelu u ġie mwassal sa fuq l-ambone minn fejn xandar il-kelma t'Alla kif inhu d-dmir tiegħu. Wara l-vanġelu d-delegat ta' Mons. Arċisqof għamel l-omelija. Hekk kif spiċċat l-Omelija l-Kappillan il-ġdid ġedded il-wegħdiet ta' l-Ordinazzjoni tiegħu. Immedjatament wara dan saret il-purċissjoni fil-Knisja li fiha l-Kappillan irċieva s-setgħat li hu jrid juża bħala servizz għall-komunità parrokkjali. Fil-purċissjoni ħadu sehem abbati biċ-ċensier żewġ akkolti u kruċiferu, iċ-ċerimonier, iż-żewġ xhieda li semmejna, il-Kappillan u d-Delegat. Il-purċissjoni mxiet lejn l-artal ta' San Mikiel fejn kien ippreparat tabernaklu għall-okkażjoni. Hawn il-Kappillan ingħata d-dmir li jkun il-ministru ewlieni ta' l-Ewkaristija f'din il-komunità nisranija. Minn hawn il-purċissjoni resqet lejn il-Kunfissjonarju u hawn ingħata d-dmir li jsejjaħ lill-imgħammdin biex jirrikonċiljaw ruħhom ma' Alla u jiġġeddu fi Kristu. Il-purċissjoni baqgħet nieżla lejn il-Fonti tal-Magħmudija fejn ingħata d-dmir li jdaħħal fil-knisja lil dawk li laqgħu l-aħbar it-tajba ta' Kristu. Il-purċissjoni bdiet tiela' 'l fuq, iżda f'nofs il-kursija reġgħet waqfet biex il-Kappillan jiġbed tliet tokki bil-qanpiena l-kbira li għandna fil-kampnar tagħna. Din jisimha Sant'Anna li tiżen erba' tunnellati u nofs jew ħamsa u ħamsin qantar u nofs, magħmula mill-fabbrika Paccard ta' Annecy fi Franza fl-1948. Ġiet imbierka fl-1 ta' Jannar 1949 u ġiet imtella' fil-kampnar l-għada 2 ta' Jannar, 1949. Xi jfissru dawn it-tlett tokki? Bihom il-Kappillan ingħata d-dmir li jsejjaħ lill-insara u jiġborhom flimkien għal-laqgħat ta' talb u qima lil Alla u jgħaqadhom bħala familja. Il-purċissjoni tkompliet għal fuq il-presbiterju u l-Kappillan tela' fuq l-Ambone u sellem lill-ġemgħa bit-tislima "Il-Mulej magħkom" u b'dan ried ifisser id-dmir tiegħu li jxandar il-kelma t'Alla lill-komunità. Il-Konċelebrazzjoni mbagħad kompliet bl-istess mod li jitmexxa s-sagrifiċċju tal-Quddiesa.

Hekk kif spiċċat il-Konċelebrazzjoni l-Maġistrat Godfrey Valenzia membru tal-Kumitat Parrokkjali għamel indirizz f'isem il-poplu Balzani u warajh il-Kappillan il-ġdid għamel id-diskors tiegħu fejn fost affarijiet oħra talab l-għajnuna u l-ko-operazzjoni tal-fidili kollha biex f'għaqda waħda nimxu 'l quddiem f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġid spiritwali u temporali tagħna lkoll.

Malli spiċċat il-funzjoni reliġjuża dawk kollha li kienu preżenti ħarġu mit-tempju u nġabru fuq iz-zuntier tal-knisja biex flimkien mal-Banda li kienet ġa lesta jagħtu merħba lill-Kappillan il-ġdid hekk kif jitfaċċa fil-bieb il-kbir, proprju kif ġara malli Dun Tarċis flimkien mad-Delegat ta' l-Isqof u l-mistednin kollha dehru ħerġin mill-bieb il-kbir. Il-folla preżenti nfexxet f'ċapċipa waħda fil-waqt li l-Banda reġgħet bdiet iddoqq il-marċi ferrieħa tagħha. Kif il-korteo kien quddiem il-Każin tal-Banda San Gabriel id-dilettanti tan-nar ta' l-istess għaqda ħarqu kwantità kbira ta' sfafar. Il-banda kompliet takkumpanja lill-Kappillan il-ġdid sad-dar parrokkjali u hekk b'nota ferrieħa ntemm dan l-avveniment memorabbli.

VALENTINO MUSCAT

"ĦAL BALZAN"
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampat fil-
Lux Press
Ħamrun.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Bdew il-ħajja nisranija

Fernando Mifsud, bin George u Maria
Neville Abela, bin Nicholas u Rita
Karl Vella, bin Paul u Helena
Sandro Micallef, bin Joseph u Antonia
Maria Spiteri, bint Antonio u Liliana
Arnold Sammut, bin Saviour u Doris
Armanda Demarco, bint Marco u Simone
Jonathan Lau, bin Edmond u Magdalena
David Agius, bin Joseph u Maureen
Clint Farrugia, bin Mario u Antonia
Josette Bugeja, bint Charles u Angela
Josef Bray, bin Alfred u Carmen
Kurt Risiott, bin Joseph u M.Rose
Randolph Bonnici, bin Antonio u M.Ruth
Pamela Fenech, bint Carmelo u Carmen
Claude Persico, bin Corrado u Monica
Gabriella Caruana, bint Gabriel u M.Rose
Christine Micallef, bint Brian u Corinne
Darren Tabone, bin Antonio u Carmen
Dorothy Graham, bint Vincent u M.Gesualda
Ivan Azzopardi, bin Joseph u Mary
Eric Grech, bin Antonio u Dorothy

Iffurmaw familji nsara ġodda

Joseph Borg u Raimonda Debono
George Sciberras u Mary Aquilina
Peter Borg u Carmen Micallef
Charles Cauchi u Annunziata Sammut

Għaddew għall-ħajja bla tmiem

Giovanna Zahra
Joseph Camilleri
Dolores Debono
Saviour Schembri
Sr Josepha Micallef
Sr Giacomina Pampanella
John Zammit
Oscar Camilleri
Francis Calleja
Carmelo Debattista
Filomena C. Bonello

SKARPOLI
Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben
IRRIKORRU GĦAND SKARPOLI
TA' TRIQ IL-KBIRA, ĦAL BALZAN
Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.
Ħinijiet tax-xogħol:
Mit-8.30 a.m. sa nofs in-nhar u
mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m.

STARLETS
284 HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND
CIGARETTES
TELEPHONE: 41644

L-GĦAQDA TAL-PENSJONANTI

Sur Editur,

Bħala wieħed li ilu joqgħod f'dan ir-raħal sabiħ, nadif u kwiet ħadt gost ninnota l-forma ġdida li ħa l-fuljett "Ħal Balzan" li qed tipprova żżommna nfurmati fuq dak li qed jiġri hawn, u jgħallimna kif inkunu ċittadini u nsara aħjar.

Jisgħobbija nistqarr li f'dawn l-aħħar erbgħin sena u iżjed li ilna noqogħdu hawn ftit li xejn għamilt għar-raħal tagħna. L-iskuża hija li meta kont naħdem kelli ħafna x'nagħmel fuq mogħli u f'attivitajiet soċjali bħalma huma t-trade unions eċċ. Illum li rtirajt mix-xogħol qed nipporva ngħin lili nnifsi u lil sħabi fl-"Għaqda tal-Pensjonanti".

Biex b'xi mod nagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' l-imgħoddi lqajt bil-ferħ l-istedina biex nikteb kelmtejn fuq din "l-Għaqda" bil-ħsieb li nqajjem iktar interess fix-xogħol tagħha.

X'inhi?

L-Għaqda tal-Pensjonanti nħolqot unikament biex tieħu ħsieb il-pensjonijiet, ix-xjuħ u r-romol. Hija ma tħaddan l-ebda politika partiġjana u għalhekk imissha tikseb is-sħubija ta' kull raġel u mara f'età avvanzata.

L-Għaqda tgħin b'diversi modi, forsi l-iżjed billi s-serraħ moħħ ix-xjuħ tagħna li f'dan iż-żmien delikat, ma humiex waħedhom. Tipprova tħoll il-problemi li jkollhom u tagħmel minn kollox biex ittejbilhom il-livell tal-għixien.

Kif taħdem?

L-ewwelnett, il-Kunsill tal-għaqda jrid ikun infurmat tajjeb sija billi jistudja l-liġijiet u l-provvedimenti lokali u jara kif dawn qed jiġu nterpretati u implementati, kif ukoll billi jsegwi dak li jkun qed isir minn żmien għal ieħor barra minn Malta u jipprova u japplika intelliġentement dak li jista' jsir taħt iċ-ċirkostanzi lokali. Biex tikseb dan il-għan l-Għaqda hija affiljata u tikkorrispondi kontinwament ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. B'xorti tajba rappreżentanti ta' l-għaqda kellhom l-opportunità li jieħdu parti f'laqgħa tal-"Working Group" għall-Mediterran tal-"First Regional Conference on the Elderly" tal-Ġnus Magħquda. Minn din l-attività wkoll jista' joħroġ il-ġid għall-pensjonanti tagħna u għal pajjiżna.

Sa mit-twaqqif tagħha l-għaqda ħasbet għal żewġ aspetti importanti: L-irbit tal-Pensjoni mal-paga kurrenti tal-post u l-għoti tal-Bonus lill-pensjonanti kollha. Ta' l-ewwel, illum jifforma parti mil-liġi l-ġdida tal-pensjoni nazzjonali; tat-tieni ġie mogħti mis-sena l-oħra 'l hawn wara ħafna snin ta' nsistenza kontra ċaħda diskriminatorja.

Malli beda jissemma l-Att tal-pensjoni Nazzjonali, l-għaqda ppruvat ssir taf x'hemm fil-borma, u sabet li kien hemm affarijiet tajbin u affarijiet ħżiena. Il-ħsieb li kulħadd, meta jikber ikollu bi dritt pensjoni li tippermettilu jżomm il-livell ta' l-għixien li bih kien imdorri kien tajjeb u ġie mfaħħar sa mill-bidunett. L-irbit mal-paga kurrenti tal-post jassigura kontra t-tbatija li kienu u għadhom isofru pensjonanti xjuħ ħafna minħabba l-għoli tal-ħajja li f'dawn l-aħħar snin qed ikun kbir ħafna.

Il-punti negattivi ġew inkorporati f'diversi memoranda li l-għaqda bagħtet lill-Gvern flimkien ma suġġerimenti kif dawn setgħu jiġu mneħħija jew almenu mtaffija. L-aktar li sofrew kienu dawk il-pensjonanti li rtiraw qabel l-1977 u li raw l-aspettattivi leġitimi u d-drittijiet akwiżiti tagħhom miċħuda nġustament. Proprju dawn il-ġranet l-għaqda kitbet lill-Gvern u għamlet sottomissjonijiet ta' natura ta' "First Aid Operation" bil-ħsieb li dawn jibdew jaħdmu sa minn din is-sena.

Dan il-kontribut żgħir tiegħi għandu l-għan li juri li l-"Għaqda tal-Pensjonanti" tixtieq tagħmel il-ġid lill-pensjonanti. Dan imissu jipperswadi lil dawk kollha ta' età avvanzata biex jissieħbu magħna f'dan l-isforz.

TONI DARMENIA

Nixtri bolli wżati (ta' Malta u ta' Barra), kartolini antiki bil-bolli fuqhom, u ittri qodma. Mr. Anthony Fenech, 'Miele', Old Railway Road, Balzan.

Matul is-snin

IL-MONASTERU TAL-BUON PASTUR

Kien nhar it-2 ta' Diċembru 1868 li l-Isqof Gejtanu Pace Forno (1857-1874) mar f'Ħal Balzan biex ibierek l-ewwel ġebla tal-Monasteru tas-Sorijiet tal-Bon Pastur li kien se jinbena f'dak ir-raħal.(1) Skond A. Guillaumier, ix-xogħol tlesta fl-1870, u fl-4 t'April sar it-tberik tal-kappella tal-Monasteru, li ġiet iddedikata lil San Ġuzepp.(2)

Miċ-ċensiment li sar fil-5 ta' Mejju 1871, nafu li l-kommunità tas-Sorijiet f'dan il-Monasteru kienet ta' 25. Nafu wkoll li fl-istess Monasteru s-sorijiet kellhom skola li fiha kienu qegħdin jattendu 30 student, u kienu wkoll qegħdin jieħdu ħsieb 29 xebba oħra.(3) Il-kappillan tal-Monasteru f'dan iż-żmien kien is-saċerdot Balzani Dr Andrea Dingli D.D., li nħatar għal din il-kariga mill-Isqof Pace Forno fl-1869. Huwa baqa' f'din il-kariga sal -1875, meta kien maħtur kappillan ta' l-Isptar Ċivili.(4)

L-opra qaddisa tal-Bon Pastur kompliet miexja 'l quddiem, u sa l-1897 f'dan il-Monasteru kien hemm b'kollox 180 ruħ. Għaldaqstant inħass il-bżonn li jiġi mkabbar, u għal dan il-għan ġie deċiż li tinbena kappella li kellha tkun miftuħa għall-pubbliku, appartamenti oħra u infermerija f'kull sezzjoni. Meta jitlesta dan ix-xogħol kollu, il-kappella l-qadima u l-kor kellhom jinbidlu f'dormitorji.

Biex iwettqu dan il-proġett, il-Madre Superjura ssellfet £240 mill-kaxxa tal-legati piji, u x-xogħol inbeda taħt id-direzzjoni tas-Sur Vinċenz Busuttil. Iżda din is-somma ntefqet fil-pedamenti, u biex jitkompla x-xogħol is-sorijiet kellhom jissellfu £260 oħra. Iżda lanqas din is-somma ma kienet biżżejjed, u għaldaqstant il-Madre għamlet appell lill-pubbliku għall-għajnuna.(5)

Jidher li xi għajnuna waslet, għax f'Marzu 1898 is-sorijiet ħasbu biex jagħtu bidu għall-bini tal-kappella, u nhar il-Ġimgħa 11 ta' Marzu 1898 saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid u t-tberik ta' l-ewwel ġebla. Għal din iċ-ċerimonja kienu preżenti l-Gvernatur u Lady Freemantle, li mal-wasla tagħhom kienu milqugħa mill-kommunità. Ftit wara wasal l-Arċisqof Pietru Pace li, assistit mill-Kanonċi Kapitulari Farrugia u Caruana u miċ-Ċerimonier Mons Debono, qiegħed u bierek l-ewwel ġebla tal-kappella li kellha tiġi ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù. Wara din iċ-ċerimonja, il-Ġiżwita Patri Sammut għamel diskors ta' l-okkażjoni.(6)

(1) **L'Ordine** 3.XII.1868.
(2) A. Guillaumier, **Bliet u Rħula Maltin** (Malta 1972), p. 17.
(3) Census of Malta, Gozo and Comino taken on 3.V.1871 (Malta 1872), p. 58, 62.
(4) Arkivju Katidral Malta, Concorsi Vol. III Balzan 1874, f. 290r, Voi. X Floriana 1887, f. 397v.
(5) **L'Ordine** 6.IX.1897.
(6) **Il Risorgimento** 12.III.1898; **The Daily Malta Chronicle** 12.III.1898; **L'Ordine** 18.III.1898.

WINSTON L. ZAMMIT M.A.

Nota: L-artiklu "Iċ-Ċensiment ta' l-1871", li deher f'paġna 3 tal-ħarġa Ottubru/Diċembru 1981 ta' din il-gazzetta, huwa wkoll kitba ta' l-istoriku Winston L. Zammit M.A.

IKUN LI TRID INT
Pageant tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu
fil-KNISJA PARROKKJALI, BALZAN
IT-TLIETA 6 T'APRIL fis-7.30 p.m.
Produzzjoni: JOSEPH VELLA

IL-POPOLAZZJONI TA' HAL-BALZAN

F'DAN L-ARTIKLU SER NITTRATTA DWAR IL-POPOLAZZJONI TA' ĦAL BALZAN U FL-ARTIKLI LI JSEGWU SEJJER NIPPROVA NAGĦLAQ L-AĦĦAR PARTI TA' L-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN. DIN HI L-PARTI L-AKTAR DELIKATA U FL-ISTESS ĦIN L-AKTAR IMPORTANTI GĦALIEX SER TITTRATTA DWAR IL-ĦAJJA SOĊJALI TA' DAN IL-POST.

Kull min jidħol għal biċċa xogħol bħal din, u f'pajjiżna llum insibu bosta li jinteressaw ruħhom, jaf kemm irid iqalleb u jfittex dokumenti minn postijiet differenti bħal ma huma: l-Arkivji Notarili, l-Uffiċċju ta' l-Istatistika, volumi u volumi tal-Bibljoteki ta' Malta u ta' Għawdex, l-Arkivji tal-Kurja u tal-Mużew tal-Kattidral, kif ukoll l-Arkivju tal-Parroċċa u ta' Parroċċi oħra li għandhom x'jaqsmu b'xi mod mal-Parroċċa tagħna.

Dan l-artiklu fuq il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan sejjer nibbażah fuq is-sistema li kien uża l-Professur l-Abbe Houtart, Direttur taċ-Ċentru ta' Riċerka Soċju-Reliġjuża ta' Bruxell, meta kien hejja rapport dwar Malta u Għawdex fis-sena 1960 u li jien kelli x-xorti ngħinu għal sentejn sħaħ fit-tiswir ta' dak ir-rapport.

IL-POPOLAZZJONI TA' ĦAL BALZAN

Ser nibda mill-ewwel statistika li għandna ta' kemm nies kien hawn joqogħdu ġo Ħal Balzan fis-sena 1575 u nibqgħu sejrin sas-sena 1980. Dan ifisser li sejrin naraw l-iżvilupp tal-popolazzjoni ta' din il-Parroċċa f'medda ta' aktar minn 400 sena.

Biex ikollna kwadru ta' dan l-iżvilupp fil-popolazzjoni, sejrin naraw kemm żdiedet u kemm naqset, bħala bidu f'distanza ta' kull ħamsa u għoxrin sena, u aktar tard naraw aktar mill-qrib ċerti differenzi fin-numri ta' abitanti b'mod speċjali f'nofs il-medda tas-snin.

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1575	300	60
1600	365	67
1625	425	84
1650	530	130
1675	550	140
1700	575	161
1725	576	173
1750	644	172
1775	574	161
1800	450	141
1825	659	138
1850	632	125
1875	851	220
1900	1096	325
1925	1313	465
1950	2637	506
1975	3354	973
1980	3915	1150

L-ewwel statistika tal-popolazzjoni ta' Ħal Balzan insibuha fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li kien għamel il-Viżitatur Apostoliku, Mons. Pietru Duzina, nhar l-1 ta' Frar 1575, fejn naqraw li dak in-nhar f'Ħal Balzan kien hawn 300 ruħ u li kienu joqogħdu f'60 dar.(1) Minn dak in-nhar, jiġifieri mis-sena 1575 sas-sena 1750, f'175 sena l-popolazzjoni żdiedet bi 344 ruħ. Nistgħu ngħidu li l-popolazzjoni rduppjat ruħha. Iżda mis-sena ta' wara, in-numru ta' l-abitanti reġa' beda nieżel. Ħalli naraw ftit kif sar dan iċ-ċaqliq fil-popolazzjoni bejn is-sena 1751 — 1763.

1751 — 1763

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1751	640	171
1752	628	160
1753	622	169
1754	574	168
1757	550	163
1758	549	147
1759	535	145
1762	508	140
1763	493	137

Hawn qed naraw li l-popolazzjoni fi tnax-il sena naqset b'147 ruħ. Anke n-numru tal-familji/djar naqas b'34. Dawn il-figuri huma meħudin mir-reġistru ta' l-"Status Animarum" li nżamm mill-Kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Alwiġ Dinè.(2)

1767 — 1771

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1767	586	137
1768	556	145
1769	556	153
1770	450	148
1771	534	150

L-ewwel osservazzjoni li wieħed jista' jagħmel hi li m'għandniex informazzjoni ta' kemm kien hawn nies f'Ħal Balzan fissnin 1764-66. Dan għaliex ma ġiex irreġistrat fil-ktieb ta' l-Status Animarum, peress li l-Kappillan Dun Alwiġ Dinè miet fl-1764 u l-Kappillan ta' warajh, Dun Mikiel Sant, inħatar mill-Isqof Mons. Rull fl-1765. L-ewwel "Status Animarum" ta' dan il-Kappillan huwa tas-sena 1767. B'danakollu nosservaw li missena 1763 sas-sena 1767, f'ħames snin in-numru ta' nies żdied b'93 ruħ u n-numru tal-familji/djar baqa' l-istess. Iżda mis-sena 1767 sas-sena 1771 il-popolazzjoni reġgħet bdiet nieżla. Insibu li f'ħames snin naqset bi 52 u fl-istess ħin in-numru ta' familji/djar żdied bi 13.(3)

1772 — 1778

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1772	574	152
1773	584	133(4)
1774	566	149
1775	574	161
1776	569	161
1777	565	163
1778	517	164

F'sentejn, bejn l-1771 u l-1773, naraw li l-popolazzjoni żdiedet b'50 ruħ għax iċ-ċifra tal-popolazzjoni laħqet il-584 ruħ. Iżda mis-sena ta' wara n-numru reġa' beda nieżel sa ma nsibu li fl-1778 il-popolazzjoni naqset b'67 ruħ. Dan ġara meta kien Kappillan ta' Ħal Balzan Dun Salv Cachia.(5)

1779 — 1782

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1779	530	165
1780	529	166
1781	549	170
1782	519	170

Naraw li mis-sena 1779 sassena 1781 in-numru ta' l-abitanti reġa' beda tiela', iżda nosservaw nuqqas ta' 30 ruħ bejn l-1781-82.(6)

1783 — 1786

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1783	521	165
1784	540	168
1785	531	163
1786	448	157

Mis-sena 1783 in-numru tal-Balzanin reġa' beda jiżdied. F'sena żdied b'għoxrin ruħ. Iżda naraw li bejn is-sena 1785-86 in-numru naqas bi 83.(7)

1787 — 1791

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1787	495	136
1788	535	156
1789	519	153
1790	516	146
1791	503	145

Mis-sena 1787 bdejna naraw li l-popolazzjoni kienet bdiet tiżdied, u kif qed naraw fl-1788 laħqet il-535. Iżda mill-ġdid in-numru ta' l-abitanti reġa' beda jonqos sa ma laħaq iċ-ċifra ta' 503, kif nafu miċ-ċensiment li kien għamel bħala "Status Animarum" Dun Feliċ Calleja fissena 1791 meta kien għadu qed jagħmilha ta' Vigarju-Kurat.(8)

1792 — 1806

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1792	506	152
1793	522	147
1794	522	144
1795	537	154
1796	520	152
1797	518	147
1798	516	142
1799	490	134
1800	450	141
1801-02	461	125
1803-04	458	131
1805-06	442	122

Quddiemna għandna medda ta' erbatax-il sena. Nosservaw li mis-sena 1792, is-sena meta Dun Feliċ Calleja ġie magħżul Kappillan, in-numru tal-Balzanin reġa' beda jiżdied u fis-sena 1795 laħaq in-numru ta' 537. Fis-sena 1796 in-nies ta' din il-Parroċċa bdew jonqsu mill-ġdid. F'Lulju ta' l-1797 laħaq Kappillan ta' din il-Parroċċa Dun Franġisk Decaro, S.Th.D., li dam Kappillan għal erba' snin biss għaliex fl-1801 intgħażel Arċipriet tal-Kattidral. Mis-sena 1796 sas-sena 1805, meta Dun Pietru Farruġia kien ilu erba' snin Kappillan, in-numru ta' l-abitanti baqa' nieżel sa ma sar 442. Għalhekk naraw li jekk fis-sena 1751 il-popolazzjoni kienet laħqet is-640 ruħ, fis-sena 1805, f'distanza ta' 54 sena, insibu li n-numru naqas b'198 ruħ.(9)

1807 — 1825

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1807-08	491	136
1809	527	106
1810	536	135
1811	532	134
1812	598	133
1814	587	142
1815-16	586	142
1817-18	601	140
1819-20	607	146
1821-22	640	143
1823-24	659	138
1825	660	140

F'dan il-perijodu ta' tmintax-il sena, insibu li Ħal Balzan kellu tliet Kappillani: Dun Pietru Farrugia li kien laħaq fl-1801; fl-1809 laħaq minfloku Dun Pietru Pawl Psaila, u fl-1816 intgħażel Dun Mikielanġ Borg li dam Kappillan ta' Ħal Balzan għal tnejn u tletin sena. F'dan il-perijodu ta' bejn l-1807 u l-1825 in-numru ta' l-abitanti ta' din il-Parroċċa kull ma jmur beda jiżdied; tant hekk li fi tmintax-il sena l-popolazzjoni żdiedet b'169 ruħ.

Nosservaw li l-"Status Animarum" tas-sena 1813 ma sarx; dan ġara peress li f'dik is-sena kienet bdiet il-marda kiefra tal-pesta. Dwar din il-marda u Ħal Balzan konna tkellimna f'ħarġa oħra tal-gazzetta tagħna ĦAL BALZAN.(10)

1825 — 1850

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1825	660	140
1850	632	145

Inħoss li kieku, kelli nibqa' sejjer bir-ritmu li qed nikteb, dan l-artiklu ma kont nasal qatt biex nispiċċah u għalhekk, għall-konvenjenza ta' kulħadd, nikkummenta ħafif ħafif għax bħal ma rajna l-figuri jitkellmu waħedhom. Hawn qed naraw li n-numru reġa' niżel. Ma ninsewx li fl-1850 kien hawn il-marda krudila tal-kolera u nafu mir-reġistru tal-mejtin tal-Parroċċa li f'dik is-sena sitta kienu l-każi ta' dawk li mietu f'din il-Parroċċa milqutin b'dini l-marda. F'dik is-sena kien Kappillan Dun Frinġisk Caruana.(11)

1850 — 1875

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1850	632	145
1875	851	220

Issa jidher ċar li l-popolazzjoni ta' Ħal Balzan mhux biss sejjer ikollha stabilità iżda li sejra tibda tiżdied mingħajr qatt ma terġa' tonqos. Dan juruh dawn il-ħamsa u għoxrin sena, meta n-numru ta' nies li kienu joqogħdu f'din il-Parroċċa żdied b'219-il ruħ.

1875 — 1900

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1875	851	220
1900	1096	315

F'dawn il-ħamsa u għoxrin sena naraw li Ħal Balzan beda jikber ġmielu u għalhekk il-popolazzjoni kibret ukoll. F'dawn il-ħamsa u għoxrin sena nsibu li l-abitanti żdiedu b'245 ruħ.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

1900 — 1925

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1900	1096	315
1925	1313	332

Fil-medda ta' dawn il-ħamsa u għoxrin sena l-popolazzjoni ma żdiditx bħal qabel: żdiedet biss 217. Ma ninsewx li f'dan il-perijodu kien hawn il-gwerra ta' l-1914-1918. Wara l-gwerra bdiet l-influwenza spanjola.

1925 — 1950

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1925	1313	332
1950	2637	753

F'dawn il-ħamsa u għoxrin sena n-numru ta' l-abitanti ġewwa Ħal Balzan żdied b'1324.(12)

1950 — 1975

Sena	Popolazzjoni	Familji/Djar
1950	2637	753
1975	3354	973

F'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena l-popolazzjoni reġgħet żdiedet b'717-il ruħ oħra. Mis-sena 1975 sas-sena 1980, f'ħames snin, il-popolazzjoni reġgħet żdiedet b'561 ruħ, għax skond l-istatistika tal-1980 insibu li l-abitanti ta' Ħal Balzan huma 3915, u hawn 1150 familji/djar. Għalhekk Ħal Balzan, li fis-sena 1575 kellu 300 ruħ, fl-1980 il-popolazzjoni żdiedet b'mod speċjali u f'dawn l-aħħar snin laħqet iċ-ċifra ta' 3915. F'medda ta' 415-il sena, il-popolazzjoni żdiedet bi 3615. Nittamaw li skond ir-raġunijiet li qed iġib kull min jiġi joqgħod hawn f'Ħal Balzan, sakemm jibqa' xiber art fabbrikabbli l-popolazzjoni tibqa' tikber dejjem.(13)

Referenzi:

1. Duzina P.; Ark. Kurja Arċ.
2. "Status Animarum" 1733-1773 — Lib. 16A Ark. Parr.
3. Ibid. Cit.
4. Ibid. Cit.
5. "Status Animarum" — Lib. 60 Ark. Parr.
6. Ibid. Cit.
7. Ibid. Cit.
8. Ibid. Cit.
9. Ibid. Cit.
10. Ibid. Cit.
11. "Liber Mortuorum" — Ark. Parr.
12. Statistics — Balzan — Uff. Statistika Gvern.
13. "Status Animarum" — Uff. Parr. Balzan.

SOSTENITURI
Mrs Iris Guillaumier
48, Main Street,
Balzan.
Mrs Imelda Micallef
59, Moroni Street,
Gzira.

IT-TAZZA TAD-DINJA

DIN IL-KOMPETIZZJONI MONDJALI ORGANIZZATA MILL-"FEDERATION INTERNAZIONALE DE FOOTBALL ASSOCIATION", JEW KIF NAFUHA AĦJAR, IL-F.I.F.A., ISSA GĦALQET IL-50 SENA. IL-FINALI TAT-TAZZA TAD-DINJA HUMA MEQJUSA BĦALA T-TIENI L-AKBAR MANIFESTAZZJONI SPORTIVA FID-DINJA, WARA L-LOGĦOB OLIMPIKU.

minn lewiSPORTelli

IL-F.I.F.A.

Il-FIFA ġiet imwaqqfa 78 sena ilu (fl-1904) f'laqgħa li għaliha attendew ir-rappreżentanti tal-Belġju, Franza, l-Olanda, Spanja u l-Isvizzera. Għalkemm dak iż-żmien ħadd minn dawk id-delegati ma seta' jobsor li dik l-Organizzazzjoni kienet se tikber daqshekk (il-lum il-F.I.F.A. għandha 'l fuq minn 140 membru) b'danakollu kienu dawn in-nies li ħaqqhom il-meritu li din il-kompetizzjoni, li ġiet organizzata għall-ewwel darba 52 sena ilu, u li kienu ħadu sehem fiha 13-il nazzjon biss, issa saret tħaddan kważi l-pajjiżi kollha mxerrda mal-Ħames Kontinenti.

JULES RIMET

Iżda riedu jgħaddu 26 sena sħaħ wara din l-ewwel laqgħa, qabel ma ġiet organizzata l-kompetizzjoni għall-ewwel darba. Il-bniedem li verament kien l-ispirazzjoni biex issir il-kompetizzjoni kien Jules Rimet, Franċiż, li għalih ġiet imsemmija t-Tazza tad-deheb mastizz (l-oriġinali) li għaliha kienu jikkompetu n-nazzjinijiet. Huwa ġie elett President tal-F.I.F.A. fl-1920, iżda d-deċiżjoni li ssir l-ewwel kompetizzjoni, ittieħdet fl-1928, u l-ewwel edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja saret fl-1930.

Wieħed kien jistenna li peress li l-F.I.F.A. twieldet fl-Ewropa, l-ewwel kompetizzjoni kienet se ssir f'wieħed mill-pajjiżi membri — fundaturi tal-F.I.F.A.

L-EWWEL EDIZZJONI

Minflok, il-pajjiż magħżul kien l-Urugwaj, li sentejn qabel, fl-1928, kien rebaħ il-Midalja tad-Deheb tal-Logħob Olimpiku. U kien appuntu l-Urugwaj li rebaħ din l-ewwel edizzjoni, li fiha ħadu sehem 13-il nazzjon li minnhom erbgħa biss kienu Ewropej — Franza, il-Belġju, ir-Rumanija u l-Jugoslavja.

Ħafna nazzjonijiet kienu qalu li ma ħadux sehem fl-ewwel edizzjoni minħabba l-vjaġġ twil għall-Urugwaj. Kemm kien veru dan narawh fit-tieni edizzjoni organizzata fl-Italja, meta mhux anqas minn 32 nazzjon ħadu sehem u kellhom isiru partiti preliminari għall-ewwel darba. Anke hawnhekk, il-kompetizzjoni ġiet mirbuħa min-nazzjon li kien qiegħed jistieden — l-Italja.

L-Italja reġgħet ħarġet rebbieħa fit-tielet edizzjoni, meta din saret fi Franza u li fiha n-nazzjonijiet komplew jiżdiedu.

Iżda mbagħad riedu jgħaddu tnax-il sena sħaħ, minħabba l-gwerra, biex reġgħet ġiet organizzata din il-kompetizzjoni. Dan kien fl-1950 u l-pajjiż organizzatur kien il-Brażil.

IL-FAVORITI MEGĦLUBA

L-Ingilterra, li ma kienetx membru tal-F.I.F.A. minħabba diversi raġunijiet issa daħlet membru u ħadet sehem għall-ewwel darba. B'danakollu, din il-kompetizzjoni tibqa' magħrufa għall-mod ta' kif il-favoriti, il-Brażil, ġew megħluba fil-final mill-Urugwaj, li allura bħall-Italja rebħu dan it-titlu għat-tieni darba.

Ukoll fl-edizzjoni ta' wara, fl-1954, l-Ungerija li kienu l-favoriti l-kbar, ma ħarġux rebbieħa, meta din il-kompetizzjoni ġiet organizzata fl-Isvizzera. It-team leġġendarju ta' Puskas kien il-favorit, iżda t-Tazza Jules Rimet marret il-Ġermanja tal-Punent għall-ewwel darba.

BATTALJA SPORTIVA

Il-battalja sportiva għas-supremazija bejn l-Amerika t'Isfel u l-Ewropa reġgħet ġiet bilanċjata fl-1958. Fl-aħħar, il-Brażil, il-favoriti l-kbar, ħarġu rebbieħa.

U dawn is-saħħara tal-football mill-Amerika t'Isfel, reġgħu ġew konfermati Champions tad-Dinja, meta l-kompetizzjoni saret erbgħa snin wara, fiċ-Ċili.


It-Tmien Edizzjoni ġiet mirbuħa mill-Ingilterra, il-pajjiż li ta l-football lid-dinja, meta din il-kompetizzjoni ntlagħbet fl-Ingilterra stess fl-1966.

Il-Brażil komplew jikkonfermew is-supremazija tagħhom f'din il-kompetizzjoni mondjali meta erbgħa snin wara, fl-1970, fil-Messiku, huma reġgħu ħarġu rebbieħa biex b'hekk żammew it-Tazza tad-Dinja (l-oriġinali) għal dejjem peress li rebħuha tliet darbiet.

IT-TAZZA L-ĠDIDA

It-Tazza l-Ġdida msejħa uffiċjalment bħala: "F.I.F.A. WORLD CUP" u li qamet U.S. $20,000 intrebħet mill-Ġermanja Federali fejn saret il-kompetizzjoni tmien snin ilu. B'hekk il-Ġermaniżi saru l-ewwel nazzjon li niżżlu isimhom kemm fuq it-tazza l-'qadima' kif ukoll fuq il-'ġdida'.

Is-supremazija ta' l-Amerika t'Isfel reġgħet issaħħet fl-aħħar edizzjoni (1978) meta l-Arġentina, finalista fl-ewwel edizzjoni, u wieħed min-nazzjonijiet li pproduċa wħud mill-aqwa footballers li rat id-dinja, irnexxielha tniżżel isimha fuq it-Trofew tad-deheb meta hija għelbet lill-Olanda — darbtejn finalisti fuq xulxin — meta l-finali saru fl-Arġentina stess.



IT-TNAX L-EDIZZJONI

U hekk mela għal Spanja, fejn fi ftit jiem oħra jitla' s-siparju għal kapitlu tnax ta' din il-kompetizzjoni affaxxinanti. Għall-ewwel darba fl-istorja ta' din il-kompetizzjoni li ssaħħrek warajha, il-finalisti se jkunu erbgħa u għoxrin. B'kollox għandna festa ta' 52 partita u jiena ċert li bħalma kellna x-xorti li naraw fl-edizzjonijiet ta' qabel, se nassistu għal episodji memorabbli ta' drama u eċċitament.

KOMPETIZZJONI BI PREMJU

Il-qawl Malti jgħid li ż-żmien ma jistenna 'l ħadd, u għalkemm il-gazzetta tagħna qed tiġi ppubblikata kull tliet xhur, erġajna wasalna biex inhejjulkom kompetizzjoni oħra. Naħseb li lkoll tafu bħal ma nafu aħna l-kbar li l-parroċċa tagħna għandha kappillan ġdid u li ġa beda l-ħidma tiegħu parrokkjali fostna l-Balzanin u li ġa ilu magħna għal xi ftit xhur. Għalhekk ħsibna li l-kompetizzjoni tagħkom ikollha x'taqsam mar-ragħaj tal-parroċċa tagħna. Taħsbux li se nsaqsukom xi affarijiet tqal. Le, xejn minn dan, anzi jekk intom tiflu sewwa l-gazzetta li għandkom f'idejkom tkunu kapaċi twieġbu għal mistoqsijiet li se nagħmlulkom. Dawn huma l-mistoqsijiet li għandkom tirrispondu :—

1. X'jismu l-Kappillan il-ġdid?
2. Fejn twieled?
3. Meta twieled?
4. Fejn kien kappillan qabel ma sar kappillan tal-parroċċa tagħna?
5. Meta beda l-ħidma tiegħu pastorali fil-parroċċa tagħna?

Bħas-soltu jbagħtu l-kompetizzjoni tagħkom ġo envelopp magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-Letter Box ta' l-istess Każin. Għandkom żmien sa l-aħħar ta' Mejju.

It-tweġiba tal-kompetizzjoni tal-ħarġa ta' qabel kienu:
minn ĦABSI nagħmlu ISBAĦ, SABIĦ, SĦABI.
minn ĦARSA nagħmlu ĦASRA, ĦSARA, RAĦAS.
minn ĦASEB nagħmlu AĦSEB, SEBAĦ.
minn ĦARAT nagħmlu ĦARTA, ĦATRA, AĦRAT.

Ir-rebbieħa ta' l-aħħar kompetizzjoni kienet Scherika Calleja li toqgħod 251 Main Str., Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

TURA FILMS

TURA

DEDICATED TO PROGRESS

TURA

ROKNA GHAT-TFAL

Għeżież tfal,

Is-sena li qegħdin fiha ġiet imsejħa s-Sena Internazzjonali ta' l-Anzjani. L-anzjani huma dawk li qabżu ċerta età u li qabdu t-triq tax-xjuħija. Lil dawn in-nies — li wħud minnhom huma nannietna, zijietna, jew ġirien tagħna — Alla għoġbu jżejjinhom bil-għomor sabiex ikomplu jgawdu l-ħajja, u hekk ikunu jistgħu jibqgħu jħobbuna, jieħdu ħsiebna- igħaddulna t-tagħlim li huma tgħallmu tul is-snin, u juruna t-triq li minnha għandna ngħaddu biex naħarbu t-tfixkil.

Iżda, bħalma tafu, meta l-bniedem jibda jikber fl-età ma jibqax bħal qabel: jibda jegħja malajr, jimrad ta' spiss, ma jibqax jara u jisma' ċar bħal fl-imgħoddi, xi drabi jibda jdejqu kollox, u jibda jaqta' qalbu u jieħu kollox bi kbir. Meta jiġri dan, kif għandna nġibu ruħna aħna, bħala tfal edukati u nsara?

L-imġiba tagħna lejn ix-xjuħ trid tkun kollha mħabba. Lix-xjuħ tagħna għandna nirrispettawhom, nieħdu paċenzja bihom u ngħinuhom. Tfal edukati tarhom bl-imħabba kollha jaqdu lil nies xjuħ li jkunu jgħixu weħidhom billi jmorru jixtrulhom u billi joqgħodu xi ftit magħhom biex ma jħossuhomx minsijin. Oħrajn tarahom jaqsmulhom it-triq, iżommulhom il-basket f'xi xirja, jew joffrulhom il-post tagħhom biex ma joqogħdux bil-wieqfa fil-karozza tal-linja.

Tfal għeżież, eżempji bħal dawn ta' min jimitahom. Dak li nagħmlu max-xjuħ tagħna żgur li ma jkunx minsi minn Alla, li wiegħed għomor twil ta' sliem u hena lil dawk li jkunu ħabbew u ħadu ħsiebi l-ġenituri tagħhom fi xjuħithom.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADDED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM

VITAFOAM LIMITED

INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)

Telephone: 36275/76